MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2011

Avviz Numru. 175/2011

**Wara l-ittra ufficjali ezekuttiva 2477/09 fl-ismijiet:**

**Vincent Borg**

**Vs**

**Shaun Risiott**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Shaun Risiottipprezentat fil-31 ta' Mejju 2011, permezz ta' liema wara li jippremetti illi l-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 2477/09 fl-ismijiet "Vincent Borg v. Shaun Risiott" hija null u bla effett fil-ligi, peress illi r-rekwiziti mandatorji ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni ta' fatti illi fl-att imsemmi hija totalment assenti, jitlob lil din il-Qorti: (1) tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 2477/09 fl-ismijiet "Vincent Borg v. Shaun Risiott" hija nulla u bla effett fil-

Ligi, u konsegwentement it-titolu ezekuttiv vantat minn Vincent Borg huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi; u (2) tiddikjara u tiddeciedi illi l-mandat ta' sekwestru numru 1064/10 fl-ismijiet "Vincent Borg v. Shaun Risiott" huwa null u bla effett fil-Ligi; bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat ir-Risposta ta' Vincent Borg pprezentata fit-22 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-rikorrent u jitlob li tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent, ghaliex: (1) preliminarjament ir-Rikors sar *fuori termine*; (2) r-rekwiziti taht l-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti; u (3) ir-Rikors odjern ma hu xejn hlief attentat biex ir-rikorrent, wara li ilu sentejn jahrab il-proceduri civili odjerni, jipprova jistultifika l-proceduri legittimi ta' l-intimat;

Rat in-Nota pprezentata mill-Avukat Dottor Ludvic Caruana waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2011 li biha esebixxa kopja legali ta' l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fl-ismijiet "Vincent Borg v. Shaun Risiott" bin-Numru 1064/10, inkluza l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Vincent Borg v. Shaun Risiott" datata 30 ta' April 2009, bin-Numru 2477/09;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors da parte tad-difensuri tal-partijiet u rat is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Gouder et v. Paul Zammit" Rikors Nru. 113/10 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010, ipprezentata mill-Avukat Dottor Ludvic Caruana waqt it-trattazzjoni;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-procedura odjerna hija procedura istitwita a tenur ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex it-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimat fil-konfront tar-rikorrent bis-sahha ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 30 ta' April 2009, bin-Numru 2477/09, jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-Ligi, minhabba n-nullità ta' dik l-ittra ufficjali.

Ai termini ta’ l-imsemmi Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex il-Qorti tilqa’ talba ghar-rexissjoni u dikjarazzjoni ta’ nullità u bla effett fil-Ligi ta’ titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha ta’ ittra ufficjali mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 166A ta’ l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, oltre li r-Rikors da parte tad-debitur irid jigi ipprezentat fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, trid tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss, jew li l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ta’ l-Artikolu 166A, din ta’ l-ahhar il-premessa fuq liema ir-rikorrent jibbaza t-talba tieghu.

L-intimat jopponi ghat-talbiet tar-rikorrent l-ewwel qabel kollox bl-eccezzjoni li r-Rikors promotur gie pprezentat *fuori termine*.

Ai termini ta’ l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta r-Rikors in kwistjoni ghandu jigi pprezentat *mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu*[1].

Mill-atti processwali, senjatament mill-kopja legali ta’ l-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 1064/10, ottenut mill-intimat kontra r-rikorrent in esekuzzjoni tat-titolu tieghu nascenti mill-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 30 ta’ April 2009, bin-Numru 2477/09, ma jirrizultax li hemm riferta relattiva ghan-notifika ta’ dak il-Mandat lir-rikorrent. Jidher ghalhekk illi dak il-Mandat ma giex notifikat lir-rikorrent u l-intimat ma ressaq ebda prova ohra li turi jekk u meta att giudizzjarju iehor imsejjes fuq it-titolu ezekuttiv in kwistjoni, seta’ gie notifikat lir-rikorrent biex b’hekk jiskatta t-terminu preskritt fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-prezentata tar-Rikors.

[1] Sottolinear tal-Qorti.

Kieku l-Qorti kellha tistrih esklussivament fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali jkollha necessarjament tichad l-ewwel eccezzjoni fuq liema l-intimat jibbaza l-opposizzjoni tieghu ghat-talbiet tar-rikorrent, izda Hija tal-fehma li trattasi ta' eccezzjoni relattiva ghal terminu ghall-prezentata ta' proceduri giudizzjarji li huwa stabbilit fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ma tistax u ma ghandhiex tistrih esklussivament fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali anke jekk jidher li l-partijiet kontendenti donnhom jinjoraw il-vera portata guridika ta' tali eccezzjoni.

F'dan ir-rigward il-Qorti tistrih fuq il-principju ormai ferm assodat fis-sistema guridika taghna li *l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijeit rinunzjati jew mibdula*[2]*. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalità u nullità tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … In-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtigilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun giet migjuba a konoxxenza taghha* – **Giuseppi Caruana v. Charles sive Charlie Psaila**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Marzu 1997[3].

Fir-Rikors tieghu r-rikorrent jippremetti li *sar jaf b'mandat ta' sekwestru bin-numru 1064/10 fl-ismijiet hawn fuq premessi in ezekuzzjoni ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva de quo, permezz ta' missieru John Risiott wara li gie notifikat permezz ta' rikors ghall-bandu li gie intavolat fil-11 ta' April 2011.* Minn verifika li ghamlet il-Qorti dwar tali bandu rrizulta li dan sar fil-kuntest ta' Rikors ta' Zbank fl-atti tac-

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] Ghalkemm f'dik is-sentenza l-princpju gie enuncjat fil-kuntest ta' proceduri ghal kollox differenti minn dawk odjerni, is-sustanza ta' l-istess principju bla dubju ta' xejn tapplika ghal kull procedura fejn it-terminu biex tigi dedotta pretensjoni/ilment quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti jinsab stabbilit fil-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Cedola bin-Numru 780/10 ipprezentat mill-intimat biex jigi awtorizzat jizbanka ammont ta' flus depozitat taht l-awtorità ta' din il-Qorti wara l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 1064/10. Peress illi fil-kors ta' dawk il-proceduri, senjatament fit-22 ta' Marzu 2011, irrizulta li Shaun Risiott jinsab imsiefer, gew istitwiti proceduri ghan-nomina ta' Kuratur Deputat biex jirrapprezentah f'dawk l-atti. John Risiott, missier ir-rikorrent Shaun Risiott, gie notifikat bil-bandu fl-**20 ta' Mejju 2011** u b'Digriet tas-**6 ta' Gunju 2011** gie nominat bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-ibnu fl-atti tac-Cedola bin-Numru 780/10, wara li fit-**30 ta' Mejju 2011** accetta l-bandu. John Risiott gie formalment notifikat bir-Rikors ta' Zbank fis-**17 ta' Gunju 2011**.

Jidher ghalhekk illi l-iktar kmieni li r-rikorrent seta' sar jaf, izda mhux formalment notifikat, b'att giudizzjarju imsejjes fuq it-titolu ezekuttiv ta' l-intimat kontra tieghu kien wara li missieru gie notifikat bil-bandu fl-**20 ta' Mejju 2011**. Jekk fl-aghar ipotesti ghar-rikorrent kellu jitqies li l-20 ta' Mejju 2011 hi l-ewwel notifika li saritlu ta' att giudizzjarju imsejjes fuq titolu ezekuttiv nascenti minn ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond kif dispost fl-Artikolu 166A(5) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, ifisser li huwa kellu jipprezenta r-Rikors odjern sa mhux iktar tard mid-9 ta' Gunju 2011. Mill-atti processwali in ezami jirrizulta li r-Rikors promotur gie ipprezentat fil-**31 ta' Mejju 2011**, b'hekk entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata prefiss mill-Ligi.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni fuq liema l-intimat jibbaza l-opposizzjoni tieghu ghat-talbiet tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

Stabbilit illi r-Rikors in ezami gie pprezentat entro t-terminu prefiss fil-Ligi jehtieg issa jigi trattat il-mertu proprio ta' l-istess Rikors.

Ir-rikorrenti jikkontendi li t-titolu ezekuttiv ta' l-intimat kontra tieghu ghandu jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-Ligi, ghaliex l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 30 ta' April 2009, bin-

Numru 2477/09, hija nulla stante li r-rekwiziti mandatorji ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx rispettati, senjatament id-dikjarazzjoni tal-fatti mehtiega mill-Ligi hija totalment assenti. In sostenn tal-pretensjoni tieghu r-rikorrent jinvoka il-principji guridici enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gouder et v. Paul Zammit, Appell Civili Nru. 113/10** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010 u fis-sentenza fl-ismijiet – citata wkoll fl-imsemmija sentenza Gouder et v. Zammit – **Noel Sultana v. Andrew Mercieca, Rikors Nru. 10/10** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010.

L-intimat jirribatti l-kontestazzjoni tar-rikorrent ghall-validità ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni u l-konsegwenti titolu ezekuttiv tieghu bl-affermazzjoni li kontra dak pretiz mill-intimat, ir-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti.

L-imsemmi Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi l-kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-Gurament, li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullità, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba[4]: Izda ma jistax isir uzu mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3), (5) jew (6) tal-artikolu 187 biex issir in-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali.*

Dwar il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 166A(2) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana v. Andrew Mercieca**, citata mir-rikorrent waqt it-

[4] Sottolinear tal-Qorti.

trattazzjoni orali, inghad illi *permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi introduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha* ***"dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba"****. Il-kliem* ***"ghal xoghol u parts"*** *m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha* ***"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"****. Mandanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità ta' l-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. <u>Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss</u>[5]. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spiega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li sar u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu ma' l-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat*.

---

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

L-insenjament li johrog minn din is-sentenza huwa wiehed car: il-procedura introdotta bl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija procedura specjali hafna u dak dettat mill-Legislatur ghall-validità taghha ghandu jigi segwit rigorosament. Ghalkemm il-procedura hija bbazata fuq il-prezentata ta’ ittra ufficjali mill-kreditur kontra d-debitur, din l-ittra ufficjali ma tistax titqies bhala semplici interpellazzjoni ghall-hlas fejn it-taghrif moghti mill-kreditur lid-debitur jista’ ma jkunx daqshekk dettaljat, basta li d-debitur ikun jaf dwar xiex jittratta d-dejn li qed jigi interpellat ihallas.

F’kaz ta’ semplici interpellazzjoni ghall-hlas mhux necessarju li jinghata daqstant dettal oltre n-natura tad-dejn u r-raguni ghall-hlas, ghaliex f’kaz ta’ inadempjenza da parte tad-debitur il-kreditur jipprocedi bil-proceduri giudizzjarji quddiem il-Qorti/Tribunal kompetenti fejn hemm jaghti iktar dettal in sostenn tal-pretensjoni tieghu w id-debitur ikun jista’ mhux biss jaf dwar xiex jittratta d-dejn, izda wkoll kif ghandu jiddefendi ruhu ghall-interpellazzjoni li qed issirlu.

Proprio ghaliex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija intiza biex jigi ottenut titolu ezekuttiv minghajr il-htiega ta’ procedimenti giudizzjarji ulterjuri, f’kaz ta’ nuqqas ta’ kontestazzjoni da parte tad-debitur, huwa necessarju li dik l-ittra jkun fiha d-dettal kollu mehtieg biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar x’hiex jittratta d-dejn izda wkoll biex ikun f’posizzjoni li jista’ jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha in toto jew f’parti minnha biss.

Il-procedura in kwistjoni hija intiza biex jitnaqqsu n-numru ta’ kawzi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjez u biex tithaffef il-procedura ghall-hlas ta’ djun, izda dan certament ma ghandux ikun ta’ detriment u pregudizzju ghad-drittijiet ta’ debitur, fosthom id-dritt li jiddefendi ruhu kif jixraq. Huwa ghalhekk illi l-Legislatur rabat in-nullità tal-procedura u konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha, man-nuqqas ta’ wiehed mir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* ta’ l-ittra ufficjali, elenkati fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Konferma ta' dawn l-osservazzjonijiet tirrizulta minn dak enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Gouder et v. Zammit**, esebita mir-rikorrent waqt it-trattazzjoni tar-Rikors. Wara li kkunsidrat is-sentenza **Sultana v. Mercieca** u l-principji enuncjati fiha, il-Qorti ta' l-Appell ziedet tghid li minn dik is-sentenza *wiehed jifhem ahjar x'ghandu jkun l-element kostituttiv ta' l-ittra ufficjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni gjaladarba l-uzu ta' l-att gudizzjarji innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 et sequitur) u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-kaz, 'appalt ta' injam' – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad ahjar li jametti jew jirripella, il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem 'appalt fuq l-injam", ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut ta' l-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu etcetera. Wiehed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-gurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn il-kawzali taghha tkun espressa bhala 'ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi' (**Fortunata Mizzi*** [recte Maggi] ***v. Rosina Coleiro**, Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1949), jew 'ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza' (**Carmelo Darmenia*** [recte Darmanin] ***v. Avukat Dottor Charles Moore nomine**, Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' April, 1964). B'egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficjali li tikkreja per saltum titolu ezekuttiv. Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso ta' l-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficjali de qua lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita*

*korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha*.

Meta l-ittra ufficjali datata 30 ta' April 2009 bin-Numru 2477/09 mibghuta mill-intimat lir-rikorrenti tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dak kollu appena osservat, ma jistax ma jigix notat illi l-istess ma fihiex dikjarazzjoni tal-fatti kif intiz fl-Artikolu 166A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm fl-ittra in kwistjoni gie dikjarat illi: (i) *illi dan il-kreditu* (ossia s-somma ta' €5,125) *taghha jirrapprezenta arretrati ta' paga dovuta;* (ii) *illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut;* (iii) *illi ghalkemm l-intimat gie interpellat sabiex ihallas, dan il-kreditu baqa' ma thallasx*; u (iv) *illi ghalhekk kellom jittiehdu dawn il-proceduri*, fil-fehma tal-Qorti tali dikjarazzjoni ma tissodisfax il-vot tal-Ligi in kwantu ghad illi tirrizulta n-natura tal-kreditu pretiz mill-intimat, ma hemmx dettalji sufficjenti biex ir-rikorrent seta' jitqieghed f'posizzjoni li jiddefendi ruhu kif jixraq ghall-interpellazzjoni ta' l-intimat u jiehu decizjoni dwar kif jipprocedi fir-rigward ta' l-istess.

Fl-imsemmija ittra ufficjali kjarament jonqsu s-segwenti dettalji: dikjarazzjoni tan-natura ta' l-allegat impjieg ta' l-intimat mar-rikorrent, dikjarazzjoni jekk tali allegat impjieg ghadux fis-sehh jew inkella giex terminat jew fi tmiemu, dikjarazzjoni tal-perijodu ghal liema tali allegati arretrati ta' paga jirreferu, u dikjarazzjoni jekk l-ammont pretiz jinkludix talba ghall-hlas ta' sahra jew ta' beneficcji ohra oltre il-paga bazika dovuta skond il-Ligi, dettalji dawn li fil-fehma tal-Qorti huma lkoll ferm importanti fil-kuntest ta' talba ghall-hlas ta' paga sabiex id-debitur ikun jaf kif ghandu jirreagixxi ghall-istess.

Waqt it-trattazzjoni orali l-intimat sahaq illi ma huwiex minnu li bil-mod kif giet redatta l-ittra ufficjali in kwistjoni r-rikorrent ma setax jifhem il-pretensjoni u konsegwenti talba tieghu – tant illi jikkontendi li waqt it-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrent dahal fil-mertu tal-kaz – u anke kieku stess ir-rikorrent ma fehemx il-pretensjoni tieghu dejjem seta' jikkontesta l-ittra ufficjali kif provdut fl-Artikolu 166A(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dak iktar 'l fuq osservat però huwa evidenti li s-sottomissjoni ta' l-

intimat ma tistax tigi milqugha ghaliex, jigi ribadit, l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta irid ikun fiha mhux biss ir-raguni li fuqha tkun ibbazata it-talba ghall-hlas u r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa’ imma anke d-dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba biex id-debitur mhux biss jifhem dwar xiex tittratta l-interpellazzjoni tal-kreditur izda wkoll biex jitpogga f’posizzjoni jiddefendi ruhu kif jixraq u jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jikkontestaha.

L-intimat jishaq ukoll fuq il-fatt li ilu snin twal jipprova jinnotifika lir-rikorrent bl-ittra ufficjali in kwistjoni u atti ohra sussegwenti w issa li rnexxielu jottjeni t-titolu ezekuttiv kontra tieghu ma jkunx gust li r-rikorrent jithalla jistultifika l-proceduri legittimi tieghu. Filwaqt li l-Qorti tifhem l-frustrazzjoni ta’ l-intimat ma tistax tippermetti li nullità espressament dikjarata fil-Ligi tibqa’ ghaddejja qisu qatt ma kien xejn u tippermetti l-esekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv ottenut bi procedura li hija nulla u bla effett fil-Ligi. Kif gustament osservat il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza **Gouder et v. Zammit** *filwaqt li din il-Qorti wkoll tirrikonoxxi … illi l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista’ jkun jigi evitat, minn naha l-ohra lanqas m’ghandu però jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.*

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent hu wiehed gustifikat u t-talbiet tieghu ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u tiddikjara l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ismijiet “Vincent Borg v. Shaun Risiott” datata 30 ta’ April 2009, bin-Numru 2477/09, nulla u bla effetti fil-Ligi u konsegwentement tirrexxindi u tiddikjara null u bla effetti fil-Ligi t-titolu ezekuttiv ta’ l-intimat kontra r-rikorrent nascenti minn dik l-ittra, u tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 1064/10 fl-ismijiet “Vincent Borg v. Shaun Risiott”. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------